

kompetenti tista' tiddeċiedi rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ u l-liġi li abbażi tagħha għandhom jiġu deċiżi tali rikorsi?

2.2. Fil-każ ta' risposta affermativa għad-domanda 2.1, fl-assenza ta' tali ftehim, il-fatt li qorti tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tar-rikorrent tiddeċiedi dwar rikors kontra deċiżjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali jikkonforma mal-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 1082/2006?

- (¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006, li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 2010, p. 25).
- (²) Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-11 ta' April 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-178/13)

(2013/C 156/40)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Koskinen u J. Hottiaux)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja

Talbiet

— tikkonstata li, billi ma adottatx, f'dak li jikkonċerna s-sewwieqa indipendenti, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentarji u amministrattivi neċessarji sabiex tħares id-Direttiva 2002/15/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq jew fi kwalunkwe każ naqset milli tikkomunika dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2(1), l-Artikoli 3 sa 7, u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2002/15/KE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Finlandja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fit-23 ta' Marzu 2009

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224

Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-188/13)

(2013/C 156/41)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Rous u J. Hottiaux)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Talbiet

— tiddikjara li billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji għat-traspożizzjoni tagħha, jew fi kwalunkwe każ billi ma informatx lill-Kummissjoni bihom, ir-Repubblika tas-Slovenja naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/18/UE (¹), tal-1 ta' Marzu 2011, li temenda l-Annessi II, V u VI tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità;

— tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fil-31 ta' Diċembru 2011.

(¹) ĠU L 57, p. 21.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sostnuta mir-Repubblika Franċiża, Ir-Rumanija, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Ir-Repubblika Slovakkja

(Kawża C-148/12) (¹)

(2013/C 156/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 138, 12.05.2012.